MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru 392/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**
**TERESA FENECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Teresa Fenech, ta’ 46 sena, imwielda nhar il-11 ta’ Gunju 1962, fil-Pieta’, bint Emmanuel Bugeja u Francesca Camilleri, detentrici ta’ karta tal-identita bin-numru 401462M u toqghod ‘Arzella’ Triq l-Ghaguza, Marsascala

Giet akkuzata talli nhar l-24 ta’ Jannar 2009 ghall-habta tal-04.40pm min gewwa l-fond Urban Jungle li jinsab il-Mosta ikkomettiet serq ta’ gaketta u tlett tracksuits li kumplessivament ghandhom valur ta’ aktar min 232.94

Ewro, ghad-dannu ta Kenneth Debattista min Hal Qormi, liema serq huwa aggravat bil-valur.

Akkuzata talli wkoll kisret Providementi taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, moghtija lilha f' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-21 ta' Novembru 2008 mill-Magistrat S.Demicoli LL.D.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok EC3 fl-atti tal-kawza u nnutat li l-imputata Teresa Fenech m'ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2010 l-imputata iddikjarat li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-ammont tar-rifurtiva li tinkwadra ruhha fl-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata hu ta' Ewro 255 u li r-rifurtiva tappartjeni lil Kenneth Debattista.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Teresa Fenech, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputata

Teresa Fenech taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u inoltre tikkundanna lill-imputata Teresa Fenech ghall-piena ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmi ta' Ewro (Ewro 232.94) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 24(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputata Teresa Fenech sabiex fi zmien erba' (4) xhur millum thallas lill-parte civile Kenneth Debattista is-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin Ewro (Ewro 255) rappresentanti l-ammont tar-rifurtiva liema rifurtiva tappartjeni lill-imsemmi parte civile Kenneth Debattista.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputata Teresa Fenech.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmija Teresa Fenech kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputata Teresa Fenech l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------